GUDJA

Minuti tad-dsatax-il laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis 23 ta' Settembru 2010.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku; | John Mary Calleja |
| | Viċi-Sindku; | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri; | Anthony Dalli u Mark Anthony Sammut |
| Skużati: | Kunsillieri; | Osvaldo Pace |

Agenda:

1. Approvazzjoni ta' minuti – 18/6 (31/08/2010)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Viċi-Sindku
   c. Kunsillieri

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti
   b. Ittri li ntbagħatu
   c. Ittri li rċevejna

4. Tenders(għotja ta' kuntratti):-
   a. Tender GLC/03/2010 – Road Works
   b. Tender GLC/04/2010 – Maintenance and reconstruction of pavements (Kerbs & footways)

5. Kwotazzjonijiet (għotja ta' xogħol):-
   a. Quot/06/2010 – tħaffir ta' toqob għall-festi
   b. Quot/07/2010 – għotin għat-toqob tal-festi

6. Finanzi
   a. Petty Cash
   b. Skeda ta' pagamenti
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

7. Għeluq tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-5.55p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha.

Minuta silenzju b'rispett lejn is-Sinjura Connie Seguna ex Kunsilliera li ħalliet din id-dinja nhar is-Sibt 04 ta' Settembru 2010.

Il-Kunsill osserva minuta silenzju b'rispett lejn is-Sinjura Connie Seguna li ħadmet u kkoperat ħafna mal-Kunsill fil-ħidma tagħha sabiex jagħti ħajja aħjar lin-nies tal-Gudja u li għenet kemm setgħet sabiex tgħin lil kulll min ikun fil-bżonn kemm fil-Gudja kif ukoll f'oqsma oħra kemm f'Malta kif ukoll bnadi oħra tad-dinja.

## 1.0 Approvazzjoni ta' minuti – 18/6 (31/08/2010)

1.1 Korrezzjoni Tema 5.1 It-tenders dwar il-Bulky Refuse Collection, Open Skips Service, Upkeep of Public Convenience u Street Sweeping and Cleaning of Urban Roads għandhom jagħlqu fis-06 t'Ottubru 2010 f'nofs inhar u mhux fit-22 ta' Settembru 2010 kif indikat fl-abboz tal-minuti li ġew ċirkulati.

1.2 Wara din il-korrezzjoni maqbula mill-Kunsill il-minuti tal-laqgħa tal-31 t'Awwissu 2010 ġew approvati nem con.

1.2.0 Mill-minuti.

1.2.1 Xiri ta' bollards. Is-Sindku qal li l-ħtieġa hija li l-Kunsill jixtri u jitwaħħlu tlett (3) bollards, waħda fi Triq Raymond Caruana kantuniera ma' Triq Santa Katarina, oħra ftit l-isfel fi Triq Santa Katarina u oħra fi Triq Rużar Formosa kantuniera ma' Triq William Baker, Gudja.

Is-Sindku qal li fil-preżent ma hemmx bżonn li jinxtraw aktar bollards ħlief dawn fuq imsemmija.

1.2.2 Dwar tema 2.1.2 – Petizzjoni tar-residenti ta' Vjal it-Torri Gudja. Il-Kunsill qabel li jkompli jaghmel pressjoni sabiex il-parti ta' din it-triq tiġi rranġata u r-residenti ma jkomplux ibgħatu speċjalment issa li riesqa x-xitwa.

1.2.3 Dwar tema 2.1.3 – Triq Ħal Resqun – Picnic area. Il-Kunsill ġie infurmat li rċieva acknowledgement mingħand il-MEPA u qabel li jkompli segwi kif meħtieġ sabiex jinqata l-abbuż u min ikun irrid jagħmel użu mill-Picnic Area ikun jista jagħmel dan bla tfixkil.

1.2.4 Dwar tema 8.5. Binja li qegħda tiela fi Triq San Ċiru kantuniera ma' Triq Bettina Gudja. Il-Kunsill ġie infurmat li kien ircieva acknowledgement mingħnad il-MEPA u qabel li jkompli jsegwi kif meħtieġ sabiex kull inkwiet u inkonvenjent eżistenti jinqatgħu bla dewmien.

1.2.5 Dwar tema 8.1 Policy dwar il-posti tal-gabbani. Kiosks għaż-żmien tal-festi ġewwa l-Gudja. Il-Kunsill qabel li għandha tiżdied post għal bejgħ tat-toys.

Sospensjoni ta' l-Agenda

F'dan l-istadju l-Kunsill qabel unanimament li jissospendi l-Agenda sabiex flimkien mal-Perit William Lews jikkonsidra l-għoti tat-tenders dwar tender GLC/03/2010 – Road Works u tender GLC/04/2010 – Maintenance and reconstruction of pavement (kerbs and footways).

**4. Tenders(għotja ta' kuntratti):-**

**a. Tender GLC/03/2010 – Road Works**

**b. Tender GLC/04/2010 – Maintenance and reconstruction of pavements (Kerbs & footways)**

4.1 Il-Perit spjega li l-kontenu tar-rapport tiegħu dwar dawn it-tenders, liema rapport ġie ċirkulat għand il-Kunsillieri kollha u ingħatat spjegazzjoni dwar kif għandha ssir l-aġudikazzjoni mill-Kunsill.

4.2 Saret diskussjoni fid-dettal u l-Kunsill qabel unanimament li l-għotja tat-tender GLC/03/2010 – Road Works u GLC/04/2010 Maintenance and Reconstruction of Pavements (kerbs and footways). Ingħataw lill-

kuntrattur Mangion Brothers Żurrieq Ltd, Valletta Road, Żurrieq, li għamel l-aħjar offerta għaż-żewġ xogħlijiet imsemmija.

4.3 F'dan l-istadju l-Kunsill qabel li jimbarka fuq proġett ta' resurfacing/road works meħtieġa fil-kumplament ta' toroq f'tal-Mitħna – parti minn Triq Joseph Gravina u Triq l-Awrekarja u Triq Ħal Resqun u fuq il-bankini speċjalment dik fi Triq William Baker Gudja.

4.4 Il-Kunsill qabel li jsejjaħ lill-entitajiet konċernati sabiex ssir co-ordination meeting u jingħata kull dettal meħtieġ għan-nhar it-Tnejn 18 t'Ottubru 2010 fid-9.00a.m.

4.5 Il-Kunsill qabel li l-avviz għal dan il-co-ordination meeting għandu joħroġ mill-aktar fiss possibli sabiex l-entitajiet konċernati jkunu preżenti u flimkien issiru l-arranġamenti meħtieġa dwar dawn ix-xogħlijiet.

4.6 Il-Kunsill qabel ukoll li għandha tintbagħat site plan dwar fejn sejrin issiru dawn ix-xogħlijiet.

F'dan l-istadju l-Perit William Lewis ħalla l-laqgħa u l-Kunsill kompla bl-Agenda tax-xogħol tiegħu.

## 2.0 Kommunikazzjonijiet

2.1.0 Sindku

2.1.1 Permessi tal-gabbani /kiosks għaż-żmien tal-festi ġewwa l-Gudja. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi għal festa tar-Ružarju li sejra tiġi ċelebrata nhar il-Ħadd 02 t'Ottubru 2010 ħarġu dawn il-permessi:

8 dwar l-ikel u xorb
1 dwar il-ġelati
1 dwar toys

Is-Sindku qal li minħabba l-limitazzjoni tan-numru inżammet ukoll lista ta' riserva sabiex jekk ikun il-każ li xi ħadd li għandu l-permess jinforma lill-Kunsill li mhux sejjer jarma, jiġi nfurmat dak li jkun fuq il-lista tar-riserva.

Saret diskussjoni dwar kif il-Kunsill jeħles mill-inkonvenjent dwar l-għoti tal-permessi dwar il-gabbani, li ma jkunx hemm min jorqod wara l-bieb tal-Kunsill qabel il-ftuħ tal-permessi għaliex din tagħmel pressjoni żejda fuq il-Kunsill u l-impjegati tal-Kunsill..

Il-Kunsill ħareġ policy illi b'seħħ mill-festa taċ-Ċintura li sjera tiġi ċelebrata l-Ħadd 31 t'Ottubru 2010 għandha tintuża s-sistema tal-polza.

Għalhekk il-proċedura timxi hekk. Għandu jsir avviż sabiex l-applikazzjoni dwar il-kiosks jinkitbu mill-11 ta' Ottubru 2010 u l-applikazzjoni jagħlqu fit-13 t'Ottubru 2010 f'nofs inhar.

Immedjatament wara l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet titla l-polza għal tmien (8) postijiet dwar kiosks ta' l-ikel u xorb, żewġ (2) posti għal tal-ġelat, posta waħda (1) għal tat-toys. Ma hemmx polza dwar tal-qubbajt.

Sabiex jagħmel tajjeb għal dawn l-ispejjeż dwar l-amministrazzjoni il-Kunsill qabel li kull min japplika jagħmel depożitu ta' €50.00 li jinkludi t-tariffa stabilita u dawk li ma jingħatwx posta d-depożitu jingħata lura.

2.2.0 Viċi-Sindku

2.2.1 Sorveljanza tal-Pulizija bil-lejl. Is-Sur Baldacchino qal li qed ikun hemm storbju fil-Ġnien Raymond Caruana li jwassal sat-3.00 ta' filgħodu. Ir-residenti ta' dawn l-inħawi waslu ħafna ilmenti li ma jistgħux jorqdu sewwa u li l-paċi pubblika għandha tiġi osservata. Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill għandu jitlob l-għajnuna tal-mobile squad tal-Pulizija sabiex is-sitwazzjoni ma tkomplix tiggrava.

Is-Sindku qal li dwar dan sejjer ikollu laqgħa ma' l-iSpettur tad-distrett dwar dan u li jkompli bit-taħdidiet dwar dan u dwar is-sigurta gewwa l-Gudja ma' l-għola diriġenti ġewwa l-kwartieri tal-Pulizija.

2.2.2 Servizz ta' tindif ta' toroq u ftuħ ta' latrini għall-festa. Is-Sur Baldacchino qal li għal festa tar-Rużarju kif ukoll dik taċ-Ċintura għandu jkun hemm servizz kif kien indikat għall-festa ta' Santa Marija cioe'

Il-Ġimgha u l-Ħadd l-latrini pubbliċi jibqghu miftuhin sa' l-12.00a.m
Is-Sibt tibqa' miftuħa sas-1.00a.m.

Servizz ta' żewġ kenniesa ghal Ħadd tal-festa mis-7.00a.m. sal-4.00p.m.

2.2.3 Personal Business Cards għall-Kunsillieri. Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill għandu jagħti personal business cards lill Kunsillieri li juru ukoll l-oqsma tax-xogħol taħt ir-responsabbilita u dekasteru rispettiva ta' kull kunsillier.

Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sur Baldacchino u ddeċieda li dawn il-personal business cards għandhom jinxtraw u jingħataw lil kull kunsillier fl-iqsar żmien possibli.

2.3.0 Kunsillieri

2.3.1 Sur Anthony Dalli

a. Mera mal-ħajt ta' l-Għassa. Is-Sur Dalli qal li meta wieħed ikun ħiereġ mit-triq Santa Katarina dan ma jarax t-traffiku li jkun għaddej fi Triq Raymond Caruana. Il-Kunsill qabel li għandha titwaħħal mera f'post tajjeb mal-ħajt ta' l-Għassa sabiex tagħti viżjoni aħjar għal kull min ikun ħiereġ bil-vettura minn Triq Sta Katarina.

b. Servizz ta' trasport pubbliku mill-Ajruport Internazzjonali għal venda tal-Gudja. Is-Sur Dalli qal li hija ħaġa ħażina li nies mill-Gudja li jkunu fl-ajruport Internazzjonali li qiegħed ġewwa l-Gudja jkollhom jimxu sabiex jaslu fil-qalba tar-raħal peress li t-trasport pubbliku meta jgħabbi mill-Ajruport jibqa sejjer f'Dawret il-Gudja u ma jidħolx fil-venda ta' ġewwa l-Gudja.

Saret diskussjoni dwar din it-talba tal-Kunsill li ilha sejra għal żmien twil u l-Kunsill qabel li tintalab laqgħa urġenti mad-diriġenti ta' Traposrt Malta (TM) sabiex din is-sitwazzjoni tiġi rranġata u dwar li jkun hemm servizz dirett għall u mill-Ajruport li jagħqdi lil dawk it-turisti li jagħmlu użu tat-

trasport pubbliku (fuq servizz dirett) mingħjar ma' joħolqu ostakolu għar-residenti tal-Gudja li jkunu jixtiequ jaslu l-venda tal-Gudja mill-Ajruport Internazzjonali.

c. Xelters. Is-Sur Dalli qal li l-bokkok tax-xelters qed ikunu t'inkonvenjent serju u li l-Kunsill għandu jieħu passi sabiex ineħħi dan l-inkonvenjent. Is-Sindku wieġeb illi l-ftuħ tax-xelters jifforma parti mill-proġett li nagħmlu l-Gudja t'attrazzjoni turistika.

Is-Sindku fakkar illi l-Kunsill għadu fi kwistjoni mal-fornituri tal-għotien peress li dawn rriedu jiritiraw l-ewwel kwotazzjoni ta' u jagħmlu oħra wisq għolja peress li qalu li kienu ħadu żball fl-ewwel kwotazzjoni meta kienu kwotaw għal twieqi tal-aluminium flok għotjiet xierqa għal bokok ta' xelters ta' l-istainless steel u ħġieġ b'saħtu ħafna.

Saret diskussjoni u l-Kunsill iddeċieda li jagħlaq ix-xelters ta' quddiem il-każin tal-Gudja FC fi Triq il-Kbira billi jintużaw blokki tal-konkos fuq il-bankina li jkunu jistgħu jinqalgħu minn ħoloq apposta x'ħin u meta jkun hemm bżonn.

Dwar dan ix-xogħol il-Kunsill għandu jqabbad lil kuntrattur tal-bankini (Mangion Bros Żurrieq Ltd) li għandu kemm ħa t-tender tax-xogħol tal-bankini.

Il-Kunsill iddiskuta ukoll illi x-xleters li huma utili għal proġett tal-Kunsill huma dawk ta' żewġ bokok fi triq pubblika għaliex dawk ix-xelters li għandhom bokka waħda fuq triq pubblika jistgħu ikunu ta' periklu u ta' riskju għal min iżurhom kif ukoll ta' ostakolu għal proprjeta privata.

d. Manutenzzjoni xierqa għal bini tal-Kunsill. Is-Sur Dalli qal li issa li l-uffiċini tal-Kunsill, speċjalment fis-sultar t'isfel qed jintużaw minn ħafna nies għal ħlas tal-kontijiet u servizz dwar is-sigurta soċjali, l-Kunsill għandu jimbarka fuq programm ta' xogħol li jibda minn fuq il-bjut u jibqa' sejjer sal-kantina u x-xleter li jmiss magħħa taħt il-bini tal-Kunsill.

Saret diskussjoni dwar il-ħtieġa li jiġu utilizzat l-ispazju possibli u li hemm il-bżonn li kull rokna tal-bini tinżamm fi stat tajjeb, nadifa u żbarazzata u tinżamm bl-akbar ordni.

Is-Sindku qal li l-bini tal-Kunsill jaqa taħt id-dekasteru tiegħu iżda huwa m'għandux oġġezjoni li s-Sur Dalli jieħu ħsieb ix-xogħlijiet meħtieġa u jorganizza l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill dwar ix-xogħol meħtieġ speċjalment issa li fil-ġranet tax-xita ftit li xejn ikun jista' issir xogħol fuq barra u għalhekk għandu jsir ħafna xogħol fuq ġewwa.

Il-Kunsill qabel li l-Perit tal-Kunsill jagħmel rapport dwar il-qagħda tal-bini u dwar il-possibilta li l-kamra ta' wara l-Għassa tiġi rranġata sewwa u utilizzata kemm mill-Pulizija kif ukoll mill-Kunsill.

2.3.2 Mark Anthony Sammut

a. Gudja Run 8km. Is-Sur Sammut informa lill-Kunsill illi s-St. Patrick's A.C. xtaqu jorganizzaw Gudja Run 8Km nhar il-Ħadd 10 t'Ottubru 2010 bejn it-8.30a.m. u d-9.30a.m.. Is-Sur Sammut qal ukoll illi

għal din l-okkażjoni s-St. Patrick's AC stiednu l-kollaborazzjoni tal-Kunsill u talbu żewġ pulizija bil-mutur sabiex ikunu jistgħu jidderiġu t-traffiku u joffru sigurta għall-atleti.

Il-Kunsill qabel mat-talba tas-St. Patrick's AC u li s-Sindku jippresedi l-okkażjoni u jippreżenta t-trophies u midalji skond il-Protokol stabbilt.

b. Proġett għaż-żgħażagħ ġewwa r-Repubblika Ċeka – Praga. Is-Sur Sammut informa lill-Kunsill illi kienu biss ħames żgħażagħ li applikaw sabiex jieħdu sehem fil-proġett li sjjer issir bejn it-08 u s-16 t'Ottburu 2010 ġewwa Praga.

Is-Sur Sammut qal ukoll li kien qed jaħdem dwar dan mal-Kunsillier is-Sur Pace u għalhekk saru laqgħat mas-Sur Pace sabiex jiġu diskussi u finalizzati l-arranġamenti meħtieġa dwar din il-mawra.

Is-Sur Sammut qal illi jista jagħti kas li peress li l-finanzjament mill-fondi Ewropej isiru wara l-mawra l-Kunsill jista jkun mitlub li temporanjament joħroġ s-somma ta' €130.00 għal kull parteċipant dwar il-vjaġġ. Il-Kunsill qabel li jagħti sostenn lil parteċipanti u l-leaders tagħhom kif ikun meħtieġ. Il-Kunsill qabel ukoll illi peress li ma nstabux leaders, l-Kunsill talab l-għajnuna tas-Sur Roderick Bilocca u l-Kunsillier is-Sur Anthony Dalli sabiex imexxu lil dawn iż-żgħażagħ fi Paga. Il-Kunsill qabel li jagħmel l-finanzjament ta' l-ispejjeż u jara li jrċievi l-fondi massimi possibli mill-fondi ewropew tal-Youth Exchange.

d. Kors ta' l-aerobics orgnaizzati mill-Kunsill. Is-Sur Sammut qal li daħlu 51 applikazzjoni u li dawn ġew mqassma f'erba' klassijiet tnejn filgħodu u tnejn filgħaxija. Dawn sejrin issiru fl-iSkola Primarja tal-Gudja. Il-parteċipanti mhux sejrin iħallsu iżda l-Kunsill għandu jħallas sehem żgħira lil Kunsill Malti għall-iSpoart (KMS)

Il-Kunsill qabel li jagħti sostenn lil parteċipanti kif ikun meħtieġ.

Il-Kunsill xtaq jirringrazzja lid-diriġneit speċjalment il-Kap ta' l-iSkola is-Sur Noel Calljea għal koperazzjoni tiegħu fil-ħidma tal-Kunsill.

## 3.0 Rapporti

3.1.0 Ilmenti

3.1.1 Arloġġ tal-venda. Il-Kunsill innota illi minkeja li Traport ta' Malta (TM) ġiet infurmata li dan ilu wieqaf minn qabel il-15 t'Awwissu 2010 dan għadu ma jaħdmix.

Il-Kunsill ħa passi oħra u sar jaf li d-ditta responsabbli hija dik ta' John J. Casar u qed jagħmel pressjoni sabiex it-tiswija meħtieġa ssir bal aktar dewmien.

3.1.2 Il-Kunsill qabel li jagħmel dak kollu meħtieġ sabiex l-ilment kif rappurtati jiġu segwiti ħalli kull inkonvenjent jitneħħa kemm jista jkun bla dewmien.

3.2.0 Ittri li ntbagħatu

3.2.1 Il-Kunsill ħa konjużjoni dwar l-ittri li ntbagħtu u qabel li jieħu l-passi meħtieġ sabiex jiġu esekwiti d-deċiżjoni tal-Kunsill.

3.3.0 Ittri li rċevejna

3.3.1 Il-Kunsill ħa konjużjoni dwar l-ittri li rċevejna u qabel li segwi l-progress kif meħtieġ.

**5. Kwotazzjonijiet (għotja ta' xogħol):-**

**a. Quot/06/2010 – tħaffir ta' toqob għan-nar għall-festi**
**b. Quot/07/2010 – għotin għat-toqob tal-festi**

5.1.0 Quot/06/2010 – tħaffir ta' toqob għan-nar għall-festi

5.1.1 Il-Kunsill irċieva dawn l-offerti għal kwotazzjoni 06/2010:-

a. Angelo Schembri, Peprina, GB Debono Street, Żebbuġ
Prezz (inkluż il-VAT) €30.00 kull ħofra

b. Solid Base Lab Ltd, Tal-Ħadaq Industrial Estate, Qormi
Prezz (inkluż il-VAT) €118.00 150mm diam hole up to 1m depth
Prezz (inkluż il-VAT ) €177.00 200mm diam hole up to 1m depth
Spejjeż dwar is-servizz €206.50

5.1.2 Il-Kunsill qabel li l-aħjar offerta dwar it-tħaffir tal-ħofor huwa dak ta' Angelo Schembri bil-prezz ta' €30.00 għal kull ħofra.

5.2.0 Quot/07/2010 – għotin għat-toqob tal-festi

5.2.1 Il-Kunsill irċieva dwan l-offerti għall-kwotazzjoni 07/2010:-

a. Anton Zarb-Cast Iron Products, 2 Blue Lagoon, Qawra Rd, Qawra
50cm 3mm steelwelded €28.00 plus VAT

b. Andrew Vassalo General Trading Ltd, Tarxien Rd, Gudja
festa manhole covers class C250 diam 200 €19.12 (incl VAT)
festa manhole covers diam 150 €14.16 (incl VAT)

5.2.2 Il-Kunsill qabe li l-aħjar offerta dwar l-għotien hija dik ta' Andres Vassallo General Trading Ltd €19.12 (diam 200) u €14.16 (diam 150).

5.4 Il-Kunsill qabel li l-ħaddiema tal-Kunsill jgħinu fix-xogħol tat-tħaffir u tqegħid kif ikun meħtieġ.

**6.0 Finanzi**

6.1 Petty Cash. L-iskeda tal-Petty Cash għax-xahar ta' Awwissu 2010 b'ammont ta' €42.31 ġie approvat kif ippreżentat.

6.2 Skeda ta' pagamenti. Is-skeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Settembru 2010 għas-somma ta' €15,475.84 ġiet approvata kif ppreżentata wara li ġew imwieġba l-mistoqsijiet dwar xi ammonti murija fuq l-istess skeda ta' pagamenti.

6.3.0 Talbiet għal xiri u xogħlijiet.

6.3.1 Żebgħa bajda għas-sinjali tat-toroq. Il-Kunsill approva x-xiri ta' żebgħa kif ikun meħtieġ.

6.3.2 Il-Kunsill approva x-xiri u xogħlijiet oħra kif indikat f'dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

**7.0 Għeluq tal-laqgħa**

7.1 Xogħlijiet. Is-Sur Baldacchino qal li f'Ottubru 2010 huwa qed jippjana xogħol fl-isqaq/trejqa ħdjen Bir Miftuh u sejjer ikollu bżonn xi erba' ħaddiema li flimkien miegħu kienu sejrin jaħdmu fuq dan ix-xogħol ta' tindif li huwa tant meħtieġ.

Is-Sur Baldacchino qal ukoll illi wara li jitlesta x-xogħol fuq lis-sqaq/trejqa ħdjen Bir Miftuh huwa qed jipprepara programm ta' xogħol ta' manutenzzjoni fil-Housing Esate tal-Mitħna.

Il-Kunsill qabel li jiġu assenjati l-ħaddiema tal-Kunsill mad-dekasteru tas-Sur Baldacchino kif ikun meħtieġ.

7.2 Wirja ta' snajja antiki Maltin animata mis-Sur Loreto Dalli f'siem Wild ir-Raħal tal-Gudja maħsuba għat-28 t'Ottubru 2010. Is-Sur Baldacchino u is-Sur Dalli qal li kellhom diversi laqgħat mas-Sur L Dalli u li f'dawn il-laqgħa attenda għalihom il-Kunsillier is-Sur Pace u dan sar sabiex tinkiseb aktar informazzjoni dwar din l-attivita.

Is-Sinjuri Baldacchino u Dalli qalu li ġew infurmati li hemm ftehim bejn il-Parroċċa u ż-żewġ baned ġewwa l-Gudja illi mill-ġurnata tal-ħruġ ta' l-istatwa minn niċċa sal-Ħadd tal-festa ma tista' ssir jew tiġi organizzata l-ebda attivita fit-toroq jew pjazzez tal-Gudja in konnessjoni mal-festa għaliex din tista anke tkun kaġun li titħassar il-festa.

Is-Sinjuri Baldacchino u Dalli qalu li dwar dan infurmaw ukoll lis-Sur L Dalli li minaħħa tiegħu avviċina lil Arċipriet sabiex jispjega li din l-attivita mhux kappeġjta jew għandha x'taqsam ma' xi wieħed mill-firmtarji ta' dan il-ftehim u għalhekk mhux in konnessjoni mal-festa.

Peress li s-Sur L Dalli fehem sewwa li s-sostenn tal-Kunsill ingħata bil-għan li din l-attivita ġewwa l-Gudja tkun b'risq il-Gudja u r-residenti tkollha kif ukoll dawk il-Maltin u turisti li jkunu jżuru l-Gudja waqt din l-attivita u peress b'dak li nforma l-Arċipriet nibet dubju serju li din l-attivita tista' tkun ta' problema minħabba d-dati stabbiliti dik tat-28 t'Ottubru 2010 li taħbat ukoll ġranet tal-festa taċ-Ċintura ġewwa l-Gudja, is-Sur Dalli qabel li din il-wirja tiġi posposta għal data oħra aktar opportuna.

Il-Kunsill qabel li jappoġġa d-deċiżjoni tas-Sur L Dalli u qabel ukoll li jkompli jaħdem mas-Sur L Dalli sabiex din il-wirja ssir fix-xhur meta ma jkunx hemm riskju ta' xita jew sħana żejda (ġie ssuġġerit l-aħħar ta' Marzu, April jew Mejju 2011).

Il-Kunsill qabel li s-Sur L. Dalli jgħin il-Kunsill fil-ħidma tiegħu kulturali b'risq il-Gudja. Il-Kunsill għamilha ċara li l-Kunsill bl-ebda mod ma huwa

marbut bil-ftehim li sar bejn iż-żewġ każini tal-baned tal-Gudja fid-09 t'Awwissu 2003.

7.3 Il-Laqgħa intemmet fid-8.50p.m.

7.4 Il-laqgħa li jmiss sejra ssir fil-21 t'Ottubru 2010 fil-5.30p.m. fuq agenda li tintbagħat aktar il-quddiem.

7.5 Jekk ikun hemm bżonn tista tissejjaħ laqgħa tal-Kunsill li tkun qabel din il-laqgħa stabbilita.

Joseph M. Formosa
Segretarju Esekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati: _______________